# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUPT/2/2007

## tat-18 ta' Diċembru 2007

## dwar il-ħatra tal-Kap tat-Tim ta' l-Ippjanar ta' l-Unjoni Ewropew (EUPT Kosovo)

(2007/888/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2006/304/PESK ta' l-10 ta' April 2006 dwar l-istabbiliment ta' Tim ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo) fir-rigward ta' operazzjoni possibbli ta' l-UE għall-maniġġar ta' kriżijiet fil-qasam ta' l-istat tad-dritt u f'oqsma oħrajn possibbli fil-Kosovo ([1]), u b' mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/778/PESK tad-29 ta' Novembru 2007 li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2006/304/PESK dwar l-istabbiliment ta' Tim ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo) fir-rigward ta' operazzjoni possibbli ta' l-UE għall-maniġġar ta' kriżijiet fil-qasam ta' l-istat tad-dritt u f'oqsma oħrajn possibbli fil-Kosovo ([2]),

Billi:

L-Artikolu 6 ta' l-Azzjoni Konġunta 2006/304/PESK jipprevedi lill-Kunsill jawtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà jieħu d-deċiżjonijiet relevanti skond l-Artikolu 25 tat-Trattat, inkluża d-deċiżjoni, fuq proposta mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, li jaħtar Kap tat-Tim ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo). Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli ppropona l-ħatra ta' Roy REEVE,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Roy REEVE hu b'dan maħtur Kap tat-Tim ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo) fir-rigward ta' operazzjoni possibbli ta' l-UE għall-maniġġar ta' kriżijiet fil-qasam ta' l-istat tad-dritt u f'oqsma oħrajn possibbli fil-Kosovo.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett fl-1 ta' Jannar 2008.

Din għandha tapplika sal-31 ta' Marzu 2008.

Magħmula fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

C. DURRANT PAIS

([1]) ĠU L 112, 26.4.2006, p.19.

([2]) ĠU L 312, 30.11.2007, p. 68.